

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Frar 2019 fil-Każ R 1211/2018-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż li r-rikorrenti kellha ssostni quddiem il-Bord tal-Appell.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2017/1001.

—————

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2019 — Vanhoudt et vs BEI

(Kawża T-294/19)

(2019/C 230/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) u disa' rikorrenti oħra (rappreżentant: A. Haines, barrister)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-BEI tal-31 ta' Jannar 2019 li tirrifjuta li tikkumpensahom għat-telf mhux ikkumpensat tagħhom u li tirrifjuta li taqsam l-għodda ta' simulazzjoni SPAC u r-riżultati tiegħu;
- barra minn hekk, jew sussidjarjament, tikkundanna lill-BEI jikkumpensahom għad-dannu morali li rriżulta mid-deċiżjoni tal-BEI li ma jużax l-għodda ta' simulazzjoni SPAC u/jew ir-riżultati tiegħu;
- tikkundanna lill-BEI sabiex jiżvela l-għodda ta' simulazzjoni attwarja SPAC u r-riżultati tiegħu fil-forma ta' kopji stampati tas-simulazzjonijiet attwarji sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jevalwaw it-telf tagħhom mhux ikkumpensat u, għaldaqstant, in-natura xierqa jew le tal-miżuri kumpensatorji li l-BEI applika fir-rigward tagħhom wara r-riformi fil-pensjoni u fir-remunerazzjoni tagħhom;

— tikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrent jinvokaw erba' motivi, f'dak li jirrigwarda r-rikors tagħhom għal annullament, u għar-raġunijiet indikati iktar 'il quddiem, b'rabta mat-talba tagħhom lill-Qorti Ġenerali li tordna l-produzzjoni tal-imsemmi għodda ta' simulazzjoni u tar-riżultati tiegħu.

1. L-ewwel motiv, li jirrigwarda r-rikors għal annullament, ibbażat fuq ksur tal-punti 9, 10 u 14 sa 18 tal-Protokoll ta' Ftehim u tal-ittra ta' akkumpanjament tiegħu, konklużi fit-18 ta' Mejju 2009 bejn il-BEI u r-rappreżentanti tal-personal tiegħu.
2. It-tieni motiv, li jirrigwarda r-rikors għal annullament, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.
3. It-tielet motiv, li jirrigwarda r-rikors għal annullament, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv, amministrazzjoni tajba u trasparenza.
4. Ir-raba' motiv, li jirrigwarda r-rikors għal annullament, ibbażat fuq ksur tal-aċċess għad-data personali.

Fir-rigward tat-talba għall-produzzjoni tal-imsemmija għodda ta' simulazzjoni u tar-riżultati tiegħu, ir-rikorreni jsostnu, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- In-nuqqas tal-BEI li jiżvela l-għodda ta' simulazzjoni attwarja SPAC jikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 41, 42 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 15(1) u (3) TFUE;
- Il-BEI jikser id-drittijiet ta' aċċess tar-rikorreni għad-data personali, bi ksur tal-Artikoli 14 u 17 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).

(¹) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KÉ (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2019 — VG vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-299/19)

(2019/C 230/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorreni: VG (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea